MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Rikors Numru. 8/2008

**Andre' Zammit A&CE, Marie Louise Camilleri, Joseph Zammit L.P., Mae Zammit, Monica Sant, Victoria Melillo, Beatrice Zammit Maempel, Dr. George Zammit, Dr. George Zammit Maempel M.D., Dr. Joseph Zammit Maempel LL.D., Dr. Frederick Zammit Maempel M.D., Amelia Craig, Carmen Cassar, Maria Louisa Gatt, Joseph Philip Testaferrata Bonici, Rita Testaferrata Bonici, Marie Bianchi, Nutar Joseph G. Saydon, Edward Zammit Maempel u Cynthia Zammit Maempel**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Mejju 2008, l-intimat offra kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 32, Triq l-Oratorju, Isla, fis-somma ta' hames mija u erbghin lira (Lm540) ekwivalenti ghal Euro 1257.86;

Illi l-esponenti qed jikkontestaw dan il-kumpens billi huwa baxx hafna w jiddikjaraw illi huma qed jippretendu s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) ekwivalenti ghal Euro6,988.12 ghat-trasferiment assolut bhala liberu u frank tal-fond fuq imsemmi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 32, Triq l-Oratorju Isla fis-somma ta' Lm3,000 (Euro6,988.12) oltre d-danni dovuti skond il-Ligi.

Bl-ispejjes kontra l-intimat u b'riserva ta' kera arretrat dovut mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali sad-data tal-effettiv trasferiment.

Ra r-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 26 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens lilhom offrut mill-awtorita kompetenti ta' elf mitejn u sebgha u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (Euro 1,257.86) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 32, Triq l-Oratorju Isla u qeghdin jippretandu li l-kumpens ghandu jkun ta' sitt elef, disa mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (Euro 6,988.12);

Illi l-esponent qieghed jibqa' isostni li l-kumpens gust ghall-fond fuq imsemmi huwa dak minnu citat fl-att gudizzjarju tieghu datat 12 ta' Mejju 2008 u cioe' l-ammont ta' elf mitejn u sebgha u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (Euro1,257.86) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Michael Schembri A&CE li wasal ghal dan l-ammont wara li ha konjizzjoni tal-Artikolu 22 (11)(c) ta'

Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema stima qeghda fl-Avviz numru 253 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta’ Marzu 2005.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ elf mitejn u sebgha u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (Euro1,257.86) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrent ghall-esproprijazzjoni tal-fond fuq imsemmi

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh f’din il-materja lill-periti arkitetti l-AIC David Pace u AIC Joseph Briffa u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b’mod unanimu hekk:

Huma ikkonsidraw dan kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwsit ta’ l-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta) u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-valur tal-istess proprjeta’ bhala libera u franka u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jkun ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3000) ekwivalenti ghal sitt elef disa’ mija tmeinja u tmenin ewro u tnax-il ewrocentezmu (Euro 6988.12)

Ghalhekk il-Bord qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti ghat-trasferiment b’xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 32, Triq l-Oratorju, Isla, fl-ammont ta’ sitt elef disa’ mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il ewrocentezmu (Euro 6988) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-

differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------